**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Timehouse GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 340, 19.11.2011.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale ordinario di Brescia — l-Italja) — Gennaro Currà et vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-466/11)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 92(1) tar-Regoli tal-Proċedura — Azzjoni mressqa mill-vittmi ta' massakri kontra Stat Membru fil-kapaċità tiegħu bħala responsabbli għall-atti mwettqa mill-forzi armati tiegħu fi żmien ta' gwerra — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)***

(2012/C 303/08)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale ordinario di Brescia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Gennaro Currà, Nadia Orlandi werrieta ta' Aldo Orlandi, Renzo Ciro Malago werriet ta' Federico Malago, Ruberto Ezecchia, Camillo Turchetti, Franco Forni, Ilva Morselli werrieta ta' Ermenegildo Morselli, Elisa Ghisolfi u Anna Ghisolfi werrieta konġunti ta' Luca Ghisolfi, Primo Zelioli, Francesco Perondi, Anna Furgeri werrieta ta' Agide Furgeri, Elena Penzani u Gian Luigi Penzani werrieta konġunti ta' Carlo Penzani, Renato Mortari, Ada Zaccaria werrieta ta' Sigifredo Zaccaria, Erino Alberti, Gabriella Boccaletti werrieta ta' Mario Boccaletti, Rita Boccasanta werrieta ta' Ernesto Boccasanta, Alberto Borelli, Pierantonio Foresti werriet ta' Franco Foresti, Irmo Sancassiani, Ennio Mischi werriet ta' Aldo Mischi, Graziano Broglia werriet ta' Rosolino Broglia, Alba Spinella u Maria Raffaella Spinella werrieta konġunti ta' Vincenzo Rocco Spinella, Giuseppe Ferri, Alessandra Fontanabona werrieta ta' Giulio Fontanabona, Luciana, Mariuccia u Giulietta Pedratti werrieta konġunti ta' Carlo Pedratti, Raffaele Colucci

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

*fil-preżenza ta':* Ir-Repubblika Taljana

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale ordinario di Brescia — Interpretazzjoni tal Artikoli 3, 4(3), 6 u 21 TUE kif ukoll tal-Artikoli 17, 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Reati kontra l-umanità — Azzjoni mibdija mill-vittmi ta' massakri kontra Stat Membru fil-kapaċità tiegħu bħala responsabbli għall-atti mwettqa mill-forzi armati tiegħu fi żmien ta' gwerra — Dritt tal-vittmi għall-kumpens — Ammissibbiltà tal-preskrizzjoni ta' dan id-dritt — Ammissibbiltà tal-immunità ġudizzjarja tal-Istat Membru inkwistjoni

**Dispożittiv**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Brescia (l-Italja).*

---

([1]) ĠU C 347, 26.11.2011.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Lulju 2012 — Audi AG, Volkswagen AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-467/11 P)** ([1])

***(Appell — Trade mark Komunitarja — Appell li ma għadx għandu skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2012/C 303/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Audi AG, Volkswagen AG (rappreżentant: P. Kather, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Lulju 2011, Audi u Volkswagen vs UASI (TDI) (T-318/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Mejju 2009 (Każ R 226/2007-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali TDI bħala trade mark Komunitarja għal prodotti fil-klassi 12 (vetturi u l-elementi ta' kostruzzjoni tagħhom) — Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1) — Karattru distintiv tas-sinjal verbali TDI

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni rigward l-appell.*

(2) *Audi AG u Volkswagen AG huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 347, 26.11.2011.